

Brussell, 14 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0220(NLE)

13089/19
ADD 1

COASI 140	ECOFIN 870
ASIE 43	COMPET 676
CFSP/PESC 787	RECH 456
COHOM 117	ENER 465
CONOP 89	TRANS 478
COTER 135	TELECOM 321
JAI 1056	ENV 847
WTO 281	EDUC 404
FISC 388	EMPL 505

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Ottubru 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 462 final - ANNEXES 1 to 2
Suġġett:	ANNEXES ta' [...] Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt u s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment stabbilit mill-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u r-regoli ta' proċedura tas-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 462 final - ANNEXES 1 to 2.

Mehmuż: COM(2019) 462 final - ANNEXES 1 to 2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.10.2019
COM(2019) 462 final

ANNEXES 1 to 2

ANNEX

ta' [...]

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt u s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment stabbilit mill-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u r-regoli ta' proċedura tas-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment

ANNEX I

Id-Deċiżjoni Nru 1/of tal-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra (“il-Kumitat Konġunt UE-Mongolja”)

ta’....

li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-MONGOLJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim”), u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2017.
- (2) Skont l-Artikolu 56(6), il-Kumitat Konġunt UE-Mongolja għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Waħdieni

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt UE-Mongolja, kif jinsabu fl-Anness, huma b'dan adottati.

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell/Ulaanbaatar,

Għall-Kumitat Konġunt UE-Mongolja

Il-Prezidenza

ANNEX

REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-MONGOLJA

Artikolu 1

Kompożizzjoni u presidenza

1. Il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 56 tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra (“il-Kumitat Konġunt UE-Mongolja”) għandu jwettaq il-kompiti previsti fl-Artikolu 56 tal-Ftehim.
2. Il-Kumitat Konġunt UE-Mongolja għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-Partijiet kif definit mill-Ftehim fl-ogħla livell possibbli.
3. Il-Kumitat Konġunt UE-Mongolja għandu jkun presedut alternattivament mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Mongolja u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għal perijodu ta' sena kalendarja. Il-Presidenti jistgħu jiddelegaw l-awtorità tagħhom li jippresjiedu fuq il-laqgħat kollha tal-Kumitat Konġunt jew parti minnhom tal-Kumitat Konġunt UE-Mongolja lil uffiċjal għoli.

Artikolu 2

Laqgħat

1. Il-Kumitat Konġunt UE-Mongolja għandu normalment jiltaqa' darba fis-sena, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Partijiet. Il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt UE-Mongolja għandhom jissejħu mill-President. Il-laqgħat għandhom isiru alternattivament fi Brussell u f'Ulaanbaatar, f'data stabbilita bi ftehim reċiproku. Laqgħat straordinarji tal-Kumitat Konġunt UE-Mongolja jistgħu jsiru fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.
2. Bħala eċċezzjoni u jekk il-Partijiet jaqblu, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt UE-Mongolja jistgħu jsiru wkoll permezz ta' mezzi tekniċi, pereżempju permezz ta' vidjokonferenza.

Artikolu 3

Delegazzjonijiet

1. Kull Parti għandha tgħarraf lill-President dwar il-konfigurazzjoni tad-delegazzjoni tagħha, qabel kull laqgħa tal-Kumitat Konġunt UE-Mongolja.
2. Il-President, bi ftehim mal-Partijiet, jista' jistieden esperti jew rappreżentanti ta' korpi oħra għal-laqgħa biex jaġixxu bħala osservaturi jew biex jipprovdu informazzjoni dwar suġġett partikolari. Il-Partijiet għandhom jaqblu dwar it-termini u l-kundizzjonijiet li skonthom daww l-esperti jew rappreżentanti ta' korpi oħra jistgħu jattendu l-laqgħat.

Artikolu 4

L-informazzjoni lill-pubbliku

1. Il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt UE-Mongolja ma għandhomx ikunu pubbliċi sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-President, bi qbil mal-Partijiet. Meta Parti tippreżenta informazzjoni mmarkata bħala kunfidenzjali lill-Kumitat Konġunt UE-Mongolja, il-Parti l-oħra tittratta dik l-informazzjoni bħala tali.
2. Il-Kumitat Konġunt UE-Mongolja jista' jaġmelm dikjarazzjonijiet lill-pubbliku kif jidhirlu xieraq.

Artikolu 5

Segretarjat

Rappreżentant tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u rappreżentant tal-Gvern tal-Mongolja għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala Segretarji tal-Kumitat Konġunt UE-Mongolja. Għandhom ikunu konxji tal-komunikazzjoni kollha, lill-President u minn għandu, inkluż permezz ta' kwalunkwe mezz bil-miktub, bħal posta elettronika.

Artikolu 6

Aġenda tal-laqgħat

1. Il-President għandu jfassal aġenda proviżorja għal kull laqgħa tal-Kumitat Konġunt UE-Mongolja. L-aġenda proviżorja għandha tintbagħat, flimkien mad-dokumenti rilevanti, lill-Parti l-oħra sa mhux iktar tard minn 21-il jum qabel id-data tal-laqgħa.
2. Kull Parti tista' titlob lill-President biex tpoġġi punt fuq l-aġenda.

3. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kumitat Konġunt UE-Mongolja fil-bidu ta' kull laqgħa. Punti oħra minbarra dawk li jkunu jidhru fl-aġenda proviżorja jistgħu jiddaħħlu fl-aġenda jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.
4. Is-Segretarji tal-Kumitat Konġunt UE-Mongolja għandhom jipubblikaw l-aġenda proviżorja tal-Kumitat Konġunt UE-Mongolja qabel il-laqgħa.
5. F'ċirkostanzi speċjali u bi qbil mal-Partijiet, il-President jista' jqassar l-iskadenzi msemmija fil-paragrafu 1 sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet ta' każ partikolari.

Artikolu 7

Minuti miftiehma

1. Il-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt UE-Mongolja għandhom jiġu rreġistrati fil-forma ta' minuti miftiehma.
2. Il-President għandu jagħmel sommarju tal-konklużjonijiet li wasal għalihom il-Kumitat Konġunt UE-Mongolja f'kull laqgħa. Iż-żewġ Segretarji għandhom ifasslu b'mod konġunt l-abbozz tal-minuti abbażi ta' dawk il-konklużjonijiet, preferibbilment fi tmiem il-laqgħa jew sa mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara d-data tal-laqgħa.
3. Il-Kumitat Konġunt UE-Mongolja għandu japprova l-abbozz preferibbilment fi tmiem il-laqgħa jew sa mhux aktar tard minn 45 jum kalendarju mid-data tal-laqgħa jew sa kwalunkwe data oħra maqbula mill-Kumitat Konġunt UE-Mongolja. Ladarba l-Kumitat Konġunt UE-Mongolja jkun approva l-abbozz tal-minuti, żewġ kopji oriġinali għandhom jiġu ffirmati mill-President. Kull Parti għandha tirċievi kopja oriġinali waħda.

Artikolu 8

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. Il-Kumitat Konġunt UE-Mongolja jista' jaqbel li jadotta rakkomandazzjonijiet jew deċiżjonijiet għall-finijiet li jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim.
2. Id-deċiżjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt UE-Mongolja għandhom ikollhom it-titolu "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni" rispettivament u jkunu segwiti b'numru tas-serje, id-data tal-adozzjoni tagħhom u deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom. Kull deċiżjoni għandha tistipula d-data li fiha tidħol fis-seħħ.

3. Fejn iċ-ċirkostanzi jirrikjedu dan, il-Kumitat Konġunt UE-Mongolja jista' jadotta d-Deċiżjonijiet jew ir-Rakkomandazzjonijiet tiegħu bi proċedura bil-miktub.
4. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt UE-Mongolja għandhom jiġu stabbiliti f'żewġ kopji awtentiċi kull waħda iffirmata mill-President.
5. Il-partijiet jistgħu jippubblikaw id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt UE-Mongolja fil-ġurnali uffiċjali tagħhom.

Artikolu 9

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tassumi l-ispejjeż sostnuti fir-rigward tal-parteciċipazzjoni tagħha fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt UE-Mongolja, kemm rigward tan-nefqa tal-persunal, tal-ivvjaġġar u tal-għajxien kif ukoll rigward tan-nefqa tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet. Kull Parti għandha tassumi l-ispejjeż konnessi mal-interpretazzjoni fil-laqgħat u mat-traduzzjoni.
2. Il-Parti li tospita l-laqgħa għandha tħallas l-ispejjeż konnessi mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti.

Artikolu 10

Gruppi ta' ħidma speċjalizzati

1. Il-Kumitat Konġunt UE-Mongolja jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma speċjalizzati biex jgħinuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.
2. Il-Kumitat Konġunt UE-Mongolja jista' jiddeċiedi li jabolixxi kull grupp ta' ħidma speċjalizzat, kif ukoll jadotta jew jemenda t-termini ta' referenza tagħhom.
3. Il-gruppi ta' ħidma speċjalizzati għandhom ikollhom setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Huma għandhom jagħmlu rapporti orali u bil-miktub dettaljati tal-attivitajiet tagħhom lill-Kumitat Konġunt UE-Mongolja wara kull waħda mil-laqgħat tagħhom u jistgħu jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt UE-Mongolja.

Artikolu 11

Emenda għar-Regoli ta' Proċedura

Ir-Regoli ta' Proċedura jistgħu jiġu emendati permezz ta' ftehim reċiproku tal-Partijiet, f'konformità mal-Artikolu 8.

ANNEX II

Id-Deċiżjoni Nru 1/.... tas-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerç u l-Investment stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra (“is-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerç u l-Investment”)

ta’....

li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu

IS-SOTTOKUMITAT UE-MONGOLJA DWAR IL-KUMMERĊ U L-INVESTIMENT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim”), u b'mod partikolari l-Artikolu 28 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 28 tal-Ftehim, is-Sottokumitat dwar il-Kummerç u l-Investment bejn l-UE u l-Mongolja ġie stabbilit sabiex jassisti lill-Kumitat Konġunt fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, billi jittratta l-oqsma kollha koperti mit-Titolu IV tal-Ftehim (Kooperazzjoni dwar il-Kummerç u l-Kwistjonijiet ta' Investment).
- (2) Skont l-Artikolu 28(3) tal-Ftehim, is-Sottokumitat dwar il-Kummerç u l-Investment bejn l-UE u l-Mongolja għandu jstabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Waħdieni

Ir-Regoli ta' Proċedura tas-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerç u l-Investment, kif jinsabu fl-Anness, huma b'dan adottati.

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell/Ulaanbaatar,

Is-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerç u l-Investment

Il-Presidenza

ANNEX

IR-REGOLI TA' PROĊEDURA DWAR IS-SOTTOKUMITAT UE-MONGOLJA DWAR IL-KUMMERĊ U L-INVESTIMENT

Artikolu 1

Kompożizzjoni u presidenza

1. Is-Sottokumitat li huwa stabbilit skont l-Artikolu 28 tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra (“is-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment bejn l-UE u l-Mongolja”) għandu jwettaq il-kompiti previsti fl-Artikolu 28(2) tal-Ftehim.
2. Is-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u tal-Mongolja f'livell xieraq u għandu jkun presedut b'mod alternat minn rappreżentant tas-servizz tal-Kummissjoni Ewropea inkarigat min-naħa tal-UE u minn [...] fuq in-naħa tal-Mongolja, għal perjodu ta' sena kalendarja.

Artikolu 2

Laqgħat

1. Is-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment għandu jiltaqa' kull sena, f'tit qabel il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt UE-Mongolja. Il-laqgħat tas-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment għandhom jissejġu mill-President. Il-laqgħat għandhom isiru alternattivament fi Brussell u f'Ulaanbaatar, f'data stabbilita bi ftehim reċiproku. Jistgħu jsiru sessjonijiet speċjali tas-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, jekk il-Partijiet jaqblu li jsir dan.
2. Jekk il-Partijiet jaqblu, il-laqgħat tas-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment jistgħu jsiru permezz ta' vidjokonferenza.

Artikolu 3

Delegazzjonijiet

1. Kull Parti għandha tgħarraf lill-President dwar il-konfigurazzjoni tad-delegazzjoni tiegħu, qabel kull laqgħa tas-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment
2. Il-President, bi ftehim mal-Partijiet, jista' jistieden esperti jew rappreżentanti ta' korpi oħra għal-laqgħa biex jaġixxu bħala osservaturi jew biex jipprovdu informazzjoni dwar suġġett partikolari. Il-Partijiet għandhom jaqblu dwar it-termini u l-kundizzjonijiet li skonthom daww l-osservaturi u r-rappreżentanti ta' korpi oħra jistgħu jattendu l-laqgħat.

Artikolu 4

L-informazzjoni lill-pubbliku

1. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-President, bi qbil mal-Partijiet, il-laqgħat tas-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment ma għandhomx ikunu pubbliċi. Meta Parti tippreżenta informazzjoni mmarkata bħala kunfidenzjali lis-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment, il-Parti l-oħra għandha tittratta dik l-informazzjoni bħala tali.
2. Is-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment jista' joħroġ dikjarazzjonijiet u rapporti lill-pubbliku kif jidhirlu xieraq.

Artikolu 5

Segretarjat

1. Rappreżentant tas-servizz tal-Kummissjoni Ewropea inkarigat u rappreżentant tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Mongolja għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala Segretarji tas-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment.

Artikolu 6

Aġendi tal-laqgħat

1. Il-President għandu jfassal aġenda proviżorja għal kull laqgħa tas-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment.
2. Kull Parti tista' titlob lill-President biex tpoġġi punt fuq l-aġenda.

3. L-aġenda għandha tiġi adottata mis-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment fil-bidu ta' kull laqgħa. Punti oħra minbarra dawk li jkunu jidhru fl-aġenda proviżorja jistgħu jiddaħħlu fl-aġenda jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.
4. Is-Segretarji tas-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment għandhom jipubblikaw l-aġenda proviżorja tas-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment qabel il-laqgħa.

Artikolu 7

Minuti

1. Il-konklużjonijiet tal-laqgħat tas-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment għandhom jiġu rreġistrati fil-forma ta' minuti miftiehma.
2. Il-President għandu jagħmel sommarju tal-konklużjonijiet li jkunu ntlaħqu mis-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment bejn l-UE u l-Mongolja f'kull laqgħa u jirrapportahom lill-Kumitat Konġunt UE-Mongolja. Iż-żewġ Segretarji għandhom ifasslu b'mod konġunt l-abbozz tal-minuti abbażi ta' dawk il-konklużjonijiet, preferibbilment fi tmiem il-laqgħa jew sa mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara d-data tal-laqgħa.
3. Is-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment għandu japprova l-abbozz preferibbilment fi tmiem il-laqgħa jew sa mhux aktar tard minn 45 jum kalendarju mid-data tal-laqgħa jew sa kwalunkwe data oħra maqbula mis-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment.

Artikolu 8

Deċiżjonijiet

1. Is-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment jista' jaqbel dwar deċiżjonijiet fejn previst mill-Ftehim.
2. Id-deċiżjonijiet tas-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment għandhom ikollhom it-titolu "Deċiżjoni tas-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment" segwit b'numru tas-serje, id-data tal-adozzjoni tagħhom u deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom. Kull deċiżjoni għandha tistipula d-data li fiha tidħol fis-seħħ.

3. Fejn iċ-ċirkostanzi jkunu jirrikjedu dan, is-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment jista' jadotta d-Deċiżjonijiet tiegħu bi proċedura bil-miktub.
4. Id-Deċiżjonijiet tas-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment għandhom jiġu stabbiliti f'żewġ kopji awtentiċi kull waħda ffirmata mill-President.
5. Il-partijiet jistgħu jipubblikaw id-deċiżjonijiet tas-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment fil-ġurnali uffiċjali rispettivi tagħhom.

Artikolu 9

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tassumi l-ispejjeż sostnuti fir-rigward tal-parteciċipazzjoni tagħha fil-laqgħat tas-Sottokumitat UE-Mongolja dwar il-Kummerċ u l-Investment, kemm rigward in-nefqa tal-persunal, tal-ivvjaġġar u tal-għajxien kif ukoll rigward in-nefqa tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet. Kull Parti għandha tassumi l-ispejjeż konnessi mal-interpretazzjoni fil-laqgħat u mat-traduzzjoni.
2. Il-Parti li tospita l-laqgħa għandha tħallas l-ispejjeż konnessi mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti.

Artikolu 10

Emenda tar-Regoli ta' Proċedura

Ir-Regoli ta' Proċedura jistgħu jiġu emendati permezz ta' ftehim reċiproku tal-Partijiet.